## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR ANTONELLO MIZZI) V. OMISSIS

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**18 ta' Marzu 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra *omissis* (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025 mixli illi nhar il-15 ta' Marzu 2025 ġewwa dawn il-Gżejjer:-

1. **Kiser projbizzjoni jew restrizzjoni minghajr skuza ragonevoli, imposta fuqhu b'ordni that l-artikolu 412C ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar is- 6 ta' Otturbu 2020.**

2. **Naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati ta' Malta presjeduta mill-magistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha datat 9 ta' Frar 2022 li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest (Art. 579(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta)**

3. **Permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih (Art49(ċ) Kap.399)**

4. **Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal- Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.**

wara li rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti permezz tad-digriet fuq imsemmija, u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputat u kif ukoll li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jkun ikkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravita' tar-reat;

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' *omissis*;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 18 ta' Marzu 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija *o meno* tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art 49, 50 (iżda mhux 289 li jirrelata biss għar-reċidivita' fil-każ ta' serq!), 412C(11) u 579(2) tal-Kap. 9 u l-Art. 49(c) tal-Kap. 399, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, titratta miegħu bħala reċidiv ai termini tal-Art. 50 tal-Kap. 9 u b'applikazzjoni ta' żieda fil-piena bi grad tikkundannah piena karċerarja ta' disa' xhur. Il-Qorti filwaqt li mhijiex ser tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest qed tordna ukoll li tiġi kkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' tlett mitt euro (€ 300) depożitata bħala parti mill-garanzija imposta permezz tad-digriet ta' din il-Qorti presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D fid-9 ta' Frar 2022. Il-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur *omissis* għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |